

21999D0155

1.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 61/3

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 155/1999****tas-26 ta' Novembru 1999****li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u Fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emdat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 142/1999 tal-5 ta' Novembru 1999 ⁽¹⁾.
- (2) L-perjodu ta' transizzjoni li matulu huwa awtorizzat il-ħatt dirett ta' ħut frisk fl-Islanda f'numru ta' postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera magħżulin minn qabel, għandu jiġi mtawwal,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Anness I għall-Ftehim, il-Kapitolu I, taqsima I, punt 39 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/357/KE) id-data "31 ta' Diċembru 1998" fl-addattament għall-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/357/KE dwar l-Islanda għandha tiġi mibdula bid-data "31 ta' Diċembru 1999".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi nhar is-27 ta' Novembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-TaqSIMA taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1999.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

⁽¹⁾ ĠU L 15, tat-18.1.2001, p. 34.